TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/163/24/S

Carmel Spiteri

Vs

Cutajar Ltd

Illum 6 ta' Novembru,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel Spiteri preżentata fil-31 ta' Lulju 2024 filwaqt li s-soċjeta' Cutajar Ltd għalkemm debitament notifikata baqgħet la preżentat risposta u lanqas deheret għas-seduta li saret.

Ra d-dokumenti ppreżentati, u sema' x-xhieda tar-rikorrenti.

Ikkunsidra,

Illi din il-pendenza tirrigwarda magna tal-café' li skont ir-rikorrenti minn meta inxtrat, bdiet tgħatiħ il-problemi tant li ħadha 4 darbiet għan l-istess soċjeta' intimata sabiex titranġa pero' baqgħet tgħatiħ il-problemi.

Illi jingħad mill-ewwel li s-soċjeta' naqset milli twieġeb għat-talba tas-Sur Spiteri u lanqas deheret għas-seduta li saret.

Illi t-Tribunal għandu verżjoni waħda u cioe' dik tas-Sur Spiteri li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mis-soċjeta' intimata.

Illi l-istess rikorrenti ippreżenta risposta elettronika ta' rappreżentant tas-soċjeta' intimata mat-talba tiegħu minn fejn ma jirriżultax x'inhi il-pożizzjoni tal-istess soċjeta' għal dak

allegat mir-rikorrenti għajr illi l-istess rikorrenti reġa' ġie mitlub jieħu il-magna tal-café' għand is-soċjeta' għat-tiswija.

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-istess soċjeta' intimata ma jfissirx li dan l-istess Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat. Ir-rikorrenti spjega kif wasal għal prezz ta' €349 għax dan huwa il-prezz tal-magna tal-café' meta inxtrat.

Illi min-naħa l-oħra ħadd mis-soċjeta' intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jgħati il-verżjoni tal-istess soċjeta'.

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ammont ta' €349 mitlub mir-rikorrenti huwa ġustifikat *stante* anki illi ma ġiex kontestat bl-ebda mod mis-soċjeta' intimata.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Carmel Spiteri u jiddeċiedi billi Jordna lis-Soċjeta' Cutajar Ltd tħallas lil Carmel Spiteri is-somma ta' €349, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri titħallas mill-istess soċjeta' intimata Cutajar Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru